L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | is-6 ta' April 2019 |
| ĦIN: | 10 minuti |

## KARTA GĦALL-EŻAMINATURI

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti biex jitkellmu mill-inqas.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida biss għall-eżaminaturi u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

Kandidati assenti għandhom jiġu mmarkati 'abs'.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika:**

- l-irbit bejn idea u oħra;
- il-loġika tal-ħsibijiet;
- ir-relevanza ta' kull opinjoni għas-suġġett.

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

**(Total: 4 marki)**

b. **L-Espressjoni:**

- l-użu ta' Malti idjomatiku;
- l-użu ta' vokabularju wiesa';
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza.

**(Total: 6 marki)**

***Jekk jogħġbok, aqleb din il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## GĦALL-EŻAMINATURI BISS

**1. 63% tal-Maltin u l-Għawdxin iridu l-mina bejn Malta u Għawdex**

- Stħarriġ tal-opinjoni pubblika li sar mill-gazzetta *Malta Today* juri li 63% tal-Maltin u l-Għawdxin huma favur il-bini ta' mina bejn Malta u Għawdex.
- X'inhuma l-vantaġġi ta' din il-mina, kemm għal Għawdex u kemm għal Malta?
- X'taħseb li jistgħu jkunu l-iżvantaġġi?
- Hemm maġġoranza favur dan il-proġett f'kull reġjun tal-gżejjer Maltin u fost l-etajiet kollha.
- 24% biss huma kontra.
- Huma favuriha l-maġġoranza tal-Maltin u l-maġġoranza tal-Għawdxin (66%). Għaliex taħseb li hemm tant nies favur dan il-proġett?
- Għaliex taħseb li persentaġġ relattivament żgħir huwa kontra?
- Kemm taħseb li l-mina tista' tħaffef il-komunikazzjoni bejn iż-żewġ gżejjer?
- Il-mina tista' toħloq problemi ġodda ta' traffiku, speċjalment f'ċerti ħinijiet tal-ġurnata.
- F'termini ambjentali, taħseb li mina tkun l-aħjar għażla?
- Il-mina se tkun twila 13-il kilometru, jiġifieri mina twila ħafna meta tqis dak li aħna mdorrijin bih f'Malta. Se titħaffer 50 metru taħt qiegħ il-baħar.
- Taħseb li se jkun hemm min jibża' jużaha?
- Jew tindara malajr?
- Taħseb li din il-mina ssir, minkejja l-ispiża kbira u x-xogħol diffiċli li qatt ma sar bħalu f'Malta?
- L-istudji ġeoloġiċi tlestew is-sajf li għadda.
- Qed isiru studji oħrajn dwar l-effetti li jista' jkollha din il-mina fuq l-ambjent.
- Id-dħul u l-ħruġ se jkunu min-Nadur, f'Għawdex u l-Imbordin, f'Malta. Taqbel li għandha tittieħed art agrikola għal dan il-proġett?
- Jekk issir sistema ta' trasport pubbliku taħt l-art għal Malta, taħseb li din il-mina għandha tkun parti minn din il-metrò?
- Taħseb li laneċ veloċi bejn Għawdex u l-Belt huma soluzzjoni alternattiva?

**2. L-użu tal-mobiles mill-istudenti fl-iskejjel primarji, medji u sekondarji, u fil-kulleġġi postsekondarji**

- F'Malta l-iskejjel ma jħallux lill-istudenti jużaw il-mobiles jew l-ismart phones.
- F'Settembru tal-2018 Franza ħadet id-deċiżjoni li tipprojbixxi l-użu tal-mobiles fl-iskejjel.
- Ċerti studjużi tal-edukazzjoni jagħmlu distinzjoni bejn l-użu tal-mobile bażiku u l-użu tal-ismart phone. Taqbel magħhom?
- Tagħmel distinzjoni bejn l-użu tal-mobile fl-iskola primarja, medja u sekondarja?
- Taħseb li regoli bħal dawn huma neċessarji? Jew ikun aħjar jekk l-iskola tgħin lill-istudenti jitgħallmu jużaw il-mobiles bil-qies anki waqt il-ħin tal-iskola?
- Hemm mod kif l-ismart phones jidħlu b'mod kreattiv fil-lezzjonijiet tal-istudenti fl-iskola?
- Minkejja l-età minima awtorizzata ta' 13-il sena, xi studji fir-Renju Unit jissuġġerixxu li tliet kwarti tat-tfal bejn 10 snin u 12-il sena għandhom kont fuq is-siti soċjali fuq l-internet. Jista' jkun li din l-attività virtwali ttellef l-edukazzjoni tat-tfal, anki meta jkunu l-iskola? Kif?
- Fil-kulleġġi postsekondarji, taħseb li l-mobiles itellfu lill-istudenti waqt il-lezzjonijiet?

- Hemm xi ħaġa li tista' ssir fuq hekk mill-amministrazzjoni tal-kulleġġi jew mill-istudenti nfushom?
- Kemm hija l-kbira l-problema tal-fastidju lil studenti oħrajn u lill-għalliema permezz tal-ismart phones fl-iskejjel? X'tip ta' fastidju jiġik f'moħħok?
- X'inhi l-attitudni inġenerali tal-istudenti fl-iskola medja u fis-sekondarja lejn il-projbizzjoni tal-mobiles fil-klassi?
- Jista' jkun li l-assenza tal-ismart phones fil-klassi tagħti lill-istudenti l-possibilità li jiffukaw iżjed fuq fakultajiet u ħiliet oħrajn.
- Jista' jkun li l-istudenti, mingħajr ma jirrealizzaw, ikunu qed jistrieħu mingħajr l-ismart phones kontinwament f'idejhom.

## 3. Ir-reklamazzjoni tal-art

- F'Malta qed tissemma r-reklamazzjoni tal-art, jiġifieri t-tkabbir tal-kosta billi tinbena art ġdida fil-baħar biex imbagħad tintuża għall-iżvilupp.
- Għaliex issir?
- Taqbel ma' din ir-reklamazzjoni tal-art?
- Taħseb li hu tajjeb għall-ambjent li tibni fil-baħar?
- Il-konsegwenzi negattivi għall-ħajja f'qiegħ il-baħar u fuq ix-xatt fejn issir ir-reklamazzjoni.
- Qed jingħad li l-bini ta' art ġdida fil-baħar irid isir biex nużaw il-materjal żejjed li se jkollna bħala pajjiż minħabba l-ħafna bini li qed isir, fosthom tat-torrijiet u t-tħaffir tal-mina bejn Malta u Għawdex.
- F'Malta diġà kabbarna x-xatt f'postijiet bħaċ-Ċirkewwa, fejn jorbot il-vapur t'Għawdex, u fil-Port Ħieles f'Birżebbuġa.
- Kieku int fejn tibni l-art il-ġdida?
- Jingħad li s-Singapore żied l-art tiegħu bi kwart (jew b'25%) permezz tal-bini ta' din l-art artifiċjali.
- Taħseb li għandha tinbena art artifiċjali biex fuqha nibnu trakka għat-tlielaq tal-karozzi?
- Jew studios ġodda għall-industrija tal-films?
- Jew appartamenti bi prezz raġonevoli għall-poplu?
- Ir-reklamazzjoni tal-art bl-użu tal-iskart mill-industrija tal-kostruzzjoni tista' ssir ukoll biex tinbena art bis-siġar fejn in-nies jistgħu jmorru jimxu u jistrieħu mill-ġenn ta' gżira b'ħafna nies, karozzi u bini ta' kull tip.
- F'Sydney, l-Awstralja, bnew it-teatru tal-opra famuż tagħhom fil-baħar. Taħseb li għandha ssir xi ħaġa hekk f'Malta: reklamazzjoni tal-art għall-kultura?
- Is-sit Lovin' Malta semma r-reklamazzjoni tal-art biex jinbena park ekoloġiku tal-baħar li fih il-ħlejjaq tal-baħar jgħixu fl-ambjent naturali tagħhom. Taħseb li din il-proposta tagħmel sens?

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | is-6 ta' April 2019 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

# 63% tal-Maltin u l-Għawdxin iridu l-mina bejn Malta u Għawdex

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | is-6 ta' April 2019 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-użu tal-mobiles mill-istudenti fl-iskejjel primarji, medji u sekondarji, u fil-kulleġġi postsekondarji

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | is-6 ta' April 2019 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

# Ir-reklamazzjoni tal-art

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| DATA: | il-11 ta' Mejju 2019 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.
Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

**TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI**

**Agħżel suġġett WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' sistema tat-trasport pubbliku taħt l-art f'Malta.
2. Ulied il-personalitajiet magħrufin ikollhom iħabbtu wiċċhom mal-attenzjoni tan-nies u tal-mezzi tax-xandir sa mit-twelid.
3. Lgħabt man-nar.
4. Ir-regoli dwar x'tip ta' ikel jista' jidħol fl-iskejjel.
5. Timmaġinak tmur tgħix barra?
6. Żewġ dixxiplini sportivi li ma tantx jissemmew.

**(Total: 30 marka)**

**TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA**

**Agħżel titlu WIEĦED. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.**

1. Maż-żmien ilsien jissellef elementi grammatikali minn ilsna oħra. Iddiskuti l-iżvilupp grammatikali li sar fil-Malti bis-saħħa tas-saff mit-Taljan u l-Ingliż.

2. Uri kif kelma tibdel it-tifsira tagħha maż-żmien billi, fost l-oħrajn, tittratta t-trasferiment metaforiku u t-trasferiment metonimiku.

3. Il-Malti għandu morfoloġija mħallta. Iddeskrivi ż-żewġ sistemi li jaħdmu differenti minn xulxin.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok, aqleb il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA – IL-POEŻIJA

**Agħżel titlu WIEĦED b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.**

1. Il-poeti Maltin jinqdew bir-rikostruzzjoni ta' ġrajjiet storiċi u ta' ġrajjiet aktar riċenti tal-poplu tagħna biex jirriflettu fuq il-ġens Malti. X'inhu t-ton li bih jitkellmu fuq dawn l-avvenimenti differenti? X'tip ta' lingwaġġ figurattiv jużaw?

2. Minn banda, il-poeti Maltin jagħtu stampa ta' pajsaġġ naturali li joffri kenn mill-esperjenzi negattivi fid-dinja tal-bnedmin; mill-banda l-oħra, il-poeti jitkellmu fuq il-pajsaġġ Malti bħala vittma tal-azzjonijiet qerrieda tal-bnedmin.

**(Total: 20 marka)**

## TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA – IN-NARRATTIVA/ID-DRAMA

**Agħżel titlu WIEĦED. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.**

1. It-tradiment ta' Leli ma' Klara jħalli l-akbar effett psikoloġiku fuqu stess. Martu Vira tintebaħ li m'għadux iżjed f'sikktu u li t-tiċrita ta' bejniethom "aktar tat ġewwa lilu milli lilha." Fl-aħħar tar-rumanz, Leli jammetti li marad minħabba l-għemil żieni tiegħu: "'ma nafx, Vir! Iżda għandu jkun wasalt biex inħallas talli għamiltlek...'" Taqbel ma' din l-analiżi li għamel Leli Braġ tiegħu nnifsu?

2. Uri kif il-ġrajjiet differenti ta' Leli Braġ u ħutu Lippu u Ninu jiġbru fihom ħafna mill-preokkupazzjonijiet soċjali li jittratta Ġużè Ellul Mercer fir-rumanz tiegħu *Leli ta' Ħaż-Żgħir*.

3. Skont Oliver Friggieri, fit-tieni att tad-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer, il-bidla fil-protagonista "tibda tinħass sewwa. Waqt li qabel kien iżolat issa jħossu li sar, jew kellu jsir, parti mis-soċjetà. Fil-fatt Menz sar egoċentriku u kull ħaġa li qiegħda sseħħ madwaru jinterpretaha b'riferenza għalih innifsu." Kif isseħħ din it-trasformazzjoni u x'inhuma l-konsegwenzi tagħha?

4. Fl-aħħar tad-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer, Razz "bħal wieħed miblugħ, jidher tassew imbeżża' u jibda jersaq bis-serqa lejn il-mina." Imbagħad, "jimxi bil-mod lejn Tereża," "iħoll il-faxxa uffiċjali minn fuq sidru u jħalliha taqa' fl-art." Iddiskuti l-iżvilupp tal-karattru ta' Razz u "t-triq li beħsiebu jaqbad minn issa sa tmiem ħajtu."

**(Total: 20 marka)**